MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-1 ta' Diċembru, 2003

Rikors Numru. 1085/2002

**Cit Nru: 1085/02 JA**

**Maltacom plc.**

**-vs-**

**Donald Micallef.**

**Il-Qorti;**

Rat r-rikors pprezentat mis-Socjeta' Kummercjali Maltacom p.l.c. u mahluf mill-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil fil-25 ta' Settembru, 2002, li bih issottomettew:

Illi l-kawza fl-ismijiet Saviour Farrugia nomine kontra (sic) (Cit Nru. 906/95 AM) giet deciza min din l-Onorabbli Qorti fit-3 ta' Gunju, 1996, u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundannat jhallas lill-Korporazzjoni Telemalta s-somam ta' Lm14,439.32 (erbatax-il elf erbgha mija disgha u tletin liri Maltija u tnejn u tletin centezmu), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 466448 li kien installat fil-fond "Dordon", Triq P.P. Mifsud, Zebbug, Malta, bl-imghax u bl-ispejjez.

Illi s-socjeta' Maltacom p.l.c. illum issuccediet dik li qabel kienet il-Korporazzjoni Telemalta u ghalhekk hija l-istess socjeta' rikorrenti li llum ghandha interess fil-kawza indikata fl-ismijiet fuq premessi.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma' hallas xejn, u b' hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, oltre Lm685.91 (sitt mija hamsa u tmenin lira Maltija u wiehed u disghin centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmakrata Dokument "A" kif ukoll Lm9,738.34 (disghat elef sebgha mija tmienja u tletin liri Maltija u erbha u tletin centezmu), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sat-3 t' April, 2002, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' Lm24,863.57 (erbgha u ghoxrin elf tmien mija tlieta u sittin lira Maltija u sebgha u hamsin centezmu), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-senteza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta' esponenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-Artikolu 258 *et sequitue* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat li l-intimat ghalkemm gie notifikat naqas li jipprezenta risposta.

Semghet lill-Avukat tas-socjeta' rikorrenti li ddikjarat illi l-ammont ghadu dovut.

**Billi t-talba mhijiex kontestata, tilqa' t-talba, bl-ispejjez kontra l-intimat**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------